

Brussell, 12 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8570/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0361(COD)**

**COMPET 332
MI 325
JAI 513
TELECOM 189
CT 62
PI 34
AUDIO 51
CONSOM 114
CODEC 659
IA 81**

NOTA

minn:	Presidenza/Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8415/21
Nru dok. Cion:	14124/20 + COR 1 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-15 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

¹ Dok. 14124/20 + COR 1 + ADD 1.

2. Il-proposta għal Regolament għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern għas-servizzi intermedjarji billi tistipula regoli uniformi għal ambjent online sikur, prevedibbli u affidabbli, fejn id-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta jiġu mħarsa b'mod effettiv.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fis-27 ta' April 2021².
4. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO) għadu ma vvutax dwar ir-rapport tiegħu.
5. Fid-dikjarazzjoni tal-25 ta' Marzu 2021, il-membri tal-Kunsill Ewropew stiednu lill-koleġiżlaturi biex jaħdmu malajr fuq l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali, bil-ħsieb li jissaħħaħ is-Suq Uniku għas-servizzi diġitali billi jinħoloq spazju diġitali aktar sikur u kondizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni biex jitrawmu l-innovazzjoni u l-kompetittività.

II. ĦIDMA MWETTQA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

6. L-eżami tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir beda fis-16 ta' Diċembru 2020 taħt il-Presidenza Ġermaniża u minn dakinhar kompli bl-għan li jippreżenta rapport ta' progress qabel tmiem il-Presidenza Portugiża.
7. Fit-22 laqgħa tiegħu, li saru matul il-Presidenza Ġermaniża (laqgħa waħda) u l-Presidenza Portugiża, il-Grupp ta' Ħidma kkonċentra partikolarment id-diskussjonijiet tiegħu fuq l-arkitettura ġenerali, il-kamp ta' applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet sostanzjali, kif ukoll is-sistema ġenerali ta' infurzar tar-Regolament futur, u lesta l-analiżi tat-test kollu.
8. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja lil din il-proposta ġiet eżaminata bir-reqqa matul iż-żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma fis-6 u t-12 ta' Jannar 2021. L-eżami wera li d-delegazzjonijiet, b'mod ġenerali, kienu qed jappoġġaw l-għan tal-proposta, kif ukoll il-metodi, il-kriterji u l-għażliet politiċi identifikati mill-Kummissjoni.

² INT/929 – EESC-2021.

9. Fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Mejju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) ġie ppreżentat l-abbozz ta' rapport ta' progress (dok. 8415/21) bil-ħsieb li jgħaddih lil-laqgħa tal-Kunsill Kompetittività fis-27 ta' Mejju 2021.

III. KWISTJONIJIET POLITIĊI EWLENIN

10. Abbażi tad-diskussjonijiet li saru s'issa fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza identifikat appoġġ qawwi u ġenerali fost l-Istati Membri għal-livell ta' ambizzjoni tal-proposta, l-għanijiet ġenerali tagħha u l-ħtieġa li tiġi approvata malajr. B'mod partikolari, l-Istati Membri kkontribwew għal dibattitu twil u kostruttiv. F'dan il-kuntest, il-punti li ġejjin nġarfu bħala l-aktar kwistjonijiet politiċi u legali sensitivi:

a) Infurzar u eżegwibbiltà

L-Istati Membri esprimew l-impenn tagħhom li jippreservaw il-prinċipji ewlenin tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku³, b'mod partikolari l-klawżola dwar is-suq intern tal-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva (imsejjaħ ukoll il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini). Dan huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi jiżgura moviment liberu tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri. L-Istati Membri esprimew ukoll l-appoġġ ġenerali tagħhom għad-dispożizzjonijiet tar-responsabbiltà li ġew inkorporati mid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku fil-proposta għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali.

Ittenniet ukoll il-ħtieġa ta' implimentazzjoni effettiva tar-Regolament propost, kif ukoll koordinazzjoni akbar bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-Kummissjoni. Xi Stati Membri appellaw għal involviment akbar tal-pajjiż ta' destinazzjoni, kif ukoll għal kooperazzjoni transkonfinali aħjar fost il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali (DSCs), investigazzjonijiet konġunti u talbiet għal intervent mill-Kummissjoni.

³ Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku).

Bosta Stati Membri qajmu tħassib u dubji dwar il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tal-mekkaniżmi stipulati fl-Artikoli 8 u 9 tal-proposta. Bosta laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma kienu ddedikati biex jiċċaraw il-kondizzjonijiet għall-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi nazzjonali biex joħroġu ordnijiet, inkluż bejn il-fruntieri, lil fornitur ta' servizzi intermedjarji biex jaġixxi kontra kontenut illegali speċifiku jew biex jipprovdi element speċifiku ta' informazzjoni f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli.

Il-Kummissjoni ddeskriviet l-implikazzjonijiet legali ta' dawn l-ordnijiet f'każijiet transkonfinali u spjegat l-eżegwibbiltà tar-regoli proposti f'dan il-kuntest. Madankollu, xi Stati Membri għadhom qed jitolbu spjegazzjonijiet oħra dwar l-eżegwibbiltà prattika tal-ordnijiet f'kuntest transkonfinali u l-impatt tagħhom fuq il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini.

Għall-infurzar tar-Regolament propost tinħoloq sistema ġdida ta' superviżjoni, li tistipula setgħat u rekwiżiti differenti għad-DSCs u l-awtoritajiet kompetenti, għan-network tad-DSCs fil-livell tal-Unjoni ("il-Bord") u għall-Kummissjoni. Tqajmu wkoll mistoqsijiet dwar il-funzjonament prattiku tas-sistema superviżorja fuq diversi livelli, kif ukoll l-impatt tagħha fuq l-istruttura amministrattiva nazzjonali eżistenti.

Il-Grupp ta' Ħidma indirizza wkoll il-kwistjoni tal-eżegwibbiltà effettiva tar-Regolament propost fir-rigward ta' fornituri ta' servizzi strutturalment kontravventorji bil-post ta' stabbiliment tagħhom barra l-Unjoni li joffru s-servizzi tagħhom fl-Unjoni, iżda li ma jikkonformawx mal-obbligi tar-Regolament propost. Huma meħtieġa diskussjonijiet oħrajn dwar din il-kwistjoni f'negozjati futuri.

b) Moderazzjoni tal-kontenut

L-Istati Membri għarfu l-importanza tal-moderazzjoni tal-kontenut online u l-ħtieġa għar-regoli li għadhom kif ġew proposti biex jiġu evitati impatti negattivi fuq id-drittijiet fundamentali. Huwa importanti li jiġu armonizzati l-obbligi tad-diliġenza dovuta u l-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà għall-fornituri ta' servizzi intermedjarji. Barra minn hekk, l-Istati Membri appoġġaw b'mod wiesa' l-proċeduri l-ġodda ta' avvizz u azzjoni u l-mekkaniżmi ta' rimedju għall-utenti, u l-fatt li r-Regolament propost jirreferi għal kontenut illegali kif definit mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni. Huma appoġġaw ukoll l-approċċ asimmetriku tal-proposta, bl-introduzzjoni ta' obbligi gradwati għall-fornituri ta' servizzi skont id-daqs tagħhom u l-impatt tas-servizzi tagħhom.

Fir-rigward ta' pjattaformi kbar ħafna online, ġie appoġġat b'mod ġenerali l-obbligu li ssir valutazzjoni ta' riskji sistemiċi sinifikanti (l-Artikolu 26). Barra minn hekk, xi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, speċjalment il-libertà tal-espressjoni. Barra minn hekk, ċerti Stati Membri staqsew jekk il-miżuri maħsuba humiex biżżejjed biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni.

L-Istati Membri appoġġaw b'mod ġenerali l-introduzzjoni tal-obbligu li tkun taf il-klijent tan-negozju tiegħek fl-Artikolu 22 tal-proposta, u xi wħud minnhom issuġġerew li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-obbligu sabiex jiġu inklużi wkoll tipi oħra ta' fornituri ta' servizzi intermedjarji kif ukoll biex jiġi estiż għal intrapriżi mikro u żgħar.

Ċerti Stati Membri talbu li jiżdiedu kjarifiki dwar il-possibiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali li joħorġu "ordnijiet ta' tneħħija permanenti", li jobbligaw lill-pjattaformi online jipprevjenu li l-kontenut li ġie stabbilit bħala illegali u li b'hekk ikun tneħħa milli jerġa' jitfaċċa. Xi Stati Membri qiesu li dan huwa partikolarment importanti għall-ġlieda kontra oġġetti falsifikati jew mhux konformi fi swieq online.

c) ***Kamp ta' Applikazzjoni u Għan***

Xi Stati Membri qajmu mistoqsijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, b' mod partikolari r-relazzjoni bejn ir-Regolament propost u l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni spjegat li r-Regolament propost għandu jaġixxi bħala biċċa leġiżlazzjoni orizzontali, li tikkomplementa l-istrumenti eżistenti tal-leġiżlazzjoni settorjali li jaġixxu bħala *lex specialis*. Barra minn hekk, il-livell propost ta' armonizzazzjoni tar-Regolament, li l-bażi legali tiegħu huwa l-Artikolu 114 TFUE, intlaqa' tajjeb mill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali akbar, l-Istati Membri talbu għal aktar kjarifiki fir-rigward tal-Artikolu 1 dwar is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta. Xi Stati Membri appellaw ukoll għal kjarifiki addizzjonali dwar l-interazzjoni bejn ir-regoli proposti u l-esklużjonijiet eżistenti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku.

Sabiex jiġu evitati piżijiet sproporzjonati, l-intrapriżi mikro u żgħar huma eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti obbligi tar-Regolament propost, fejn id-definizzjoni ta' tali intrapriżi hija bbażata fuq l-Anness għar-Rakkomandazzjoni 2003/361/KE⁴. Xi Stati Membri talbu li d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro u żgħar tiġi adattata għall-ambjent diġitali u mhux ibbażata biss fuq il-kriterji tad-daqs u d-dħul ta' dawn l-intrapriżi. Barra minn hekk, tqajjem tħassib li l-eżenzjoni proposta bħalissa tal-intrapriżi mikro u żgħar ma tindirizzax it-tixrid ta' kontenut illegali permezz ta' fornituri ta' servizzi iżgħar, b'hekk xi Stati Membri talbu għal approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36) (mhux disponibbli bil-Malti).

d) Oħrajn

Minbarra dan ta' hawn fuq, xi Stati Membri esprimew il-ħtieġa ta' diskussjoni iktar ġenerali dwar u/jew konsiderazzjoni mill-ġdid tal-kwistjonijiet li ġejjin:

- it-twessigħ possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta;
- jekk il-klawsola tal-azzjonijiet volontarji kontra l-kontenut illegali (l-Artikolu 6) hijiex biżżejjed biex tippermetti azzjoni sinifikanti min-naħa tal-fornitur u jekk ikunu meħtieġa salvagwardji addizzjonali kontra l-użu ħażin;
- l-estensjoni tal-istatus ta' indikaturi fdati għall-entitajiet kollha li jippreżentaw avviżi, juru għarfien espert u jkollhom rata għolja ta' eżattezza meta jindikaw kontenut illegali, mingħajr il-ħtieġa li jirrappreżentaw interessi kollettivi;
- il-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tal-fornituri tas-servizzi fir-rigward tal-aċċess għad-data u l-investigazzjonijiet;
- id-dispożizzjonijiet dwar il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, l-istruttura tat-tariffi tiegħu u l-allinjament ta' dawn id-dispożizzjonijiet mal-leġiżlazzjoni eżistenti rilevanti;
- id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament propost.

11. Filwaqt li nkiseb progress sinifikanti matul il-Presidenza Portugiża, diskussjonijiet fil-fond dwar il-kontenut tal-proposta jkomplu f'sensiela ta' aktar laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma għall-Kompetittività u t-Tkabbir. Għalhekk, b'kont meħud tal-kumplexità tal-proposta, l-importanza tagħha għas-suq uniku u għall-ħolqien ta' ambjent online aktar sikur u fdat kif ukoll l-interrelazzjoni tagħha ma' strumenti oħra tad-dritt tal-Unjoni, hija meħtieġa aktar ħidma fuq livell tekniku qabel ma l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni politika, li għaliha dan ir-rapport huwa kontribut importanti, billi jidentifika kwistjonijiet politiċi ewlenin.
12. Il-Presidenza tqis li dan ir-rapport ta' progress jippreżenta sommarju bilanċjat tal-kwistjonijiet politiċi ewlenin identifikati matul l-eżami tal-proposta.

IV. KONKLUŻJONI

13. Il-Kunsill (Kompetittività) huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Presidenza.
